# 25 SENA ILU: 1963

## *Kif Saru l-Festi ta' l-Inkurunazzjoni*

Tajjeb li f'din l-okkażjoni wieħed ifakkar dan l-anniversarju ta' din l-inkurunazzjoni, billi nagħtu ħarsa mill-qrib lejn il-festi speċjali li kienu saru propju ħamsa u għoxrin sena ilu, prinċipalment fir-Rabat, mis-27 ta' April sat-12 ta' Mejju, ta' 1963.

Il-Kumitat li kien twaqqaf apposta għall-Festi ta' l-Inkurunazzjoni, kien ħejja programm kbir ta' attivitajiet biex jiġi ċelebrat kif kien jixraq dan l-avveniment ta' l-inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' San Ġużepp; b'ċelebrazzjonijiet kbar fuq livell lokali u nazzjonali. Kemm b'festi interni fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, kif ukoll b'festi esterni mat-toroq tar-Rabat.

Kienu saru "Festi Kbar" li għadhom jissemmew sa żmienna minn dawk kollha li jiftakkruhom.




**Il-Programm tal-Festi**

Il-Festi ta' l-Inkurunazzjoni kienu ġew iċċelebrati b'dan il-programm:

Is-Sibt, 27 ta' April, fil-5.00 p.m. kienet saret Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, taħt il-Presidenza ta' l-Eccza. Revma. Mons. Mikiel Gonzi, Arcisqof Metropolita ta' Malta. Il-Mużika f'din l-Akkademja kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anton Muscat Azzopardi A. Mus., L.C.M. Filwaqt li l-Kant ġie esegwit mill-istudenti tal-Patrijiet Minuri tar-Rabat.



Il-Ħadd, it-Tnejn u it-Tlieta, 28, 29 u 30 ta' April, kienu tlett t'ijiem ta' tħejjija ta' qabel l-Inkurunazzjoni. Għalhekk fis-6.30 p.m. fl-istess knisja, kienet issir il-Kompieta bil-Priedka mill-Eccza. Revma. Mons. Isqof Emmanuele Galea, Vigarju Ġenerali. Wara kien isir daqq ta' l-Innu, Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.

Fl-aħħar jum ta' dan it-Tridu, jiġifieri t-Tlieta 30 ta' April, fit-8.30 p.m. sar Marċ mill-Banda L'Isle Adam, mill-Pjazza tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl sa ħdejn il-Villa Rumana. Wara kienet saret presentazzjoni ta' Bandalora Kommemorattiva mis-Sur Vincent Muscat lill-Banda L'Isle Adam. Kien sar Logħob tan-Nar ta' l-art, li kien inħadem minn Ġanni Vellà ta' l-Imġarr u wara ġiet maħruqa kaxxa nfernali.

L-Erbgħa, l-1 ta' Mejju, kien Jum l-Inkurunazzjoni. Fis7.00 a.m. fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, saret Quddiesa Kantata mir-Rev. Patri Lett. Ivo Tonna O.F.M., li kien Segretarju tal-Patrijiet Franġiskani Minuri u Direttur Spiritwali ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp.

Fis-7.30 a.m., l-istatwa ta' San Ġużepp li kienet esposta fil-knisja, ġiet maħruġa mill-istess knisja mill-membri tal-Kumitat Organizattiv tal-Festi ta' l-Inkurunazzjoni. Din ġiet imqgħeda fuq truck dekorat bid-damask u bil-fjuri, biex tiġi meħuda lejn il-Belt Valletta. Wara t-truck, kien hemm serbut twil ta' karozzi li fihom kien hemm membri tal-kumitat u uffiċċjali oħra, kif ukoll membri tal-kleru. Fit-triq lejn il-Belt,





minn fejn għaddiet l-istatwa mill-ibliet u l-irħula saret manifestazzjoni ta' ferħ; in-nies ħarġu jilqgħu lill-istatwa biċ-ċapċip u bit-tixjir ta' l-idejn hekk kif l-istatwa għaddiet minn quddiemhom.

Il-Kumitat tal-Festi ta' San Ġużepp Ħaddiem b'kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-Festi ta' l-Inkurunazzjoni, kien organizza korteo bl-imsemmija statwa fit-toroq prinċipali tal-Belt Valletta. Mal-wasla ta' l-istatwa fi Pjazza Kastilja, din ġiet milqgħua b'applaws kbir minn dawk kollha li kienu miġbura jistennew il-wasla tagħha.

Il-korteo beda fid-9.00 a.m., u għadda minn Triq ir-Repubblika, Triq l-Arċisqof, Triq Merkanti u dar għall-Pjazza San Ġwann, fejn l-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi, bierek il-ħaddiema u l-għodod tagħhom.

Il-membri tal-Kumitat u ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat imxew matul il-korteo f'żewġ fillieri waħda ma' kull ġemb ta' l-istatwa, dan il-korteo intemm fil-Pjazza ta' quddiem il-Konkatidral ta' San Ġwann. Wara li l-Arċisqof bierek lil dawk preżenti u l-għodod tagħhom, huwa kellem lill-kongregazzjoni miġbura u wara l-istatwa ta' San Ġużepp ġiet

meħuda l-Furjana, fil-Knisja ta' Sarria fejn baqgħet hemm sa wara nofs in-nhar.

Fit-3.30 p.m. il-membri msemmija ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp ħarġu mill-Knisja ta' Sarria bl-istandard blu, ipperper maż-żiffa tar-riħ, warajhom imxew rappreżentanti tal-Fratellanzi ta' San Ġużepp minn tmintax il-belt u raħal ta' Malta. Fl-aħħar ta' din il-purċissjoni nġarret l-istatwa ta' San Ġużepp, li din ittieħded lejn it-tribuna quddiem il-Knisja ta' San Publju. Filwaqt li mill-istess Knisja ta' San Publju ħarġet purċissjoni oħra li kienet iffurmata mill-Kapitlu Metropolitan, mill-E.T. Mons. Mikiel Ġonzi, Arċisqof ta' Malta, mill-E.T. Mons. Giuseppe Pace, Isqof ta' Għawdex, mill-E.T. Mons. Emanuele Galea, Isqof Titulari ta' Tralles u Vigarju Ġenerali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, u mill-E.T. Mons. Costantino Trapani O.F.M., Isqof ta' Nicosia fi Sqallija, li kien ġie mistieden f'Malta għal din l-okkażjoni. F'dan il-korteo kienu ħadu sehem ukoll l-Onor. Prim Ministru ta' Malta, Dr. Ġorġ Borg Olovier, li żamm f'idejh imħadda ħamra tal-bellus fejn fuqha kien hemm imqgħeda l-kuruna tad-deheb ta' San Ġużepp. Ma' ġembu mexa l-Prim Imħallef Sir Anthony Mamo, li żamm ukoll imħadda ħamra tal-bellus iżgħar mill-oħra fejn fuqha kien hemm imqgħeda l-kuruna tad-deheb tal-Bambin.

Il-Pjazza ta' quddiem il-Knisja ta' San Publju tal-Furjana (fuq il-Fosos), fejn saret iċ-ċerimonja, hija l-akbar pjazza ta' Malta, li f'din l-okkażjoni kienet ippakjata bin-nies minn kull parti ta' Malta; li laqgħu l-istatwa u l-purċissjoni b'ħafna ċapċip u entużjażmu.

Il-funzjoni bdiet billi rappreżentant tal-ħaddiema Maltin ta messaġġ qasir lill-ħaddiema. Wara dan, sar diskors imqanqal minn Fr. M. Uylenbroeck, Assistent Internazzjonali Kappillan taż-Żagħżagħ Ħaddiema Nsara. Imbgħad saret il-preżentazzjoni tal-kuruni; in-Nutar Dr. C. G. Vella qara' il-kuntratt ta' donazzjoni, il-Prim Ministru l-Onor. Dr. Ġorġ Borg Olovier deher f'isem il-poplu Malti. Ir-Rettur ta' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp tar-Rabat, in-Nobbli Kav. Alexander dei Marchesi Apap Bologna, iffirma l-kuntratt billi ntrabat li hu is-suċċessuri tiegħu fl-Arċikonfraternità iħarsu l-kuruni u jassiguraw li qatt ma jiġu mneħħija minn fuq ras San Ġużepp u l-Bambin. Il-Kuntratt ġie ffirmat quddiem





ix-xhieda tal-Wisq Rev. Patri Accursio Scerri, Ministru Provinċjal tal-Patrijiet Minuri, l-Onor. Imħallef Anthony Montanaro Gauci u l-E.T. Mons. Isqof Costantino Trapani O.F.M.

L-Arċisqof Mikiel Gonzi bierek il-kuruni li kienu imqegħda fuq l-altar u ġiet intonata l-Quddiesa Pontifikali. Fl-omelija tiegħu l-Arċisqof ħeġġeġ lill-fidili biex jimxu fuq l-eżempju ta' San Ġużepp fil-ħajja tagħhom.

L-inkurunazzjoni ta' l-istatwa saret wara l-Quddiesa:



**L-Arċisqof l-ewwel poġġa l-KURUNA fuq ras il-Bambin u wara poġġa l-KURUNA l-oħra fuq ras San Ġużepp.**

Numru kbir ta' karozzi akkumpanjaw lill-istatwa nkurunata fir-ritorn tagħha lejn ir-Rabat. Id-dimostrazzjonijiet madwar l-istatwa kienu verament strordinarji u muvimentati. L-istatwa ta' San Ġużepp Inkurnat għaddiet trionfalment mit-toroq tar-Rabat fi triqtha lejn il-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' San Pawl, fejn ġiet milqugħa solennament mill-Arċipriet tar-Rabat, il-Kan. Dun Pawl Attard u l-Kanonċi ta' l-istess Kolleġġjata.

Il-Ħamis,2 ta' Mejju, fis-6.00 p.m. kienet saret Translazzjoni Solenni bl-istatwa nkurunata, mill-Kolleġġjata ta' San Pawl għall-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. F'din it-translazzjoni kienu ħadu sehem: l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat, ir-Retturi tal-Fratellanzi ta' San Ġużepp ta' Malta; il-Komunità tal-Patrijiet Franġiskani Minuri; ir-Revdu. Difinitorju tal-Provinċja Maltija ta' l-istess Patrijiet Minuri; il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat; il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann u l-Kumitat tal-Festi ta' l-Inkurunazzjoni.

Wara d-dħul tat-translazzjoni fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, sar Għasar Solenni w inagħtat il-Barka Sagramentali mill-Wisq Rev. P. Lett. Accursio Scerri, P.E.P., Ministru Provinċjali tal-Patrijiet Minuri.

Il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju, fit-8.00 a.m. saret Quddiesa Prelatizja mill-Wisq Rev. P. Lett Accursio Scerri O.F.M., P.E.P., Ministru Provinċjali.

Fis-6.30 p.m. sar Għasar Solenni mis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, fejn wara saret priedka mir-Rev. Sac. Nicholas Curmi M.S.S.P. u inagħtat il-Barka Sagramentali.



Is-Sibt, 4 ta' Mejju, fis-7.30 a.m. saret Quddiesa Kantata mis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Fis-6.30 p.m. sar Għasar Solenni mill-Komunità tal-Patrijiet Karmelitani, fejn wara saret priedka mir-Rev. Patri Nonju Fenech O. Carm u nagħtat il-Barka Sagramentali.

Il-Ħadd, 5 ta' Mejju, fis-7.30 a.m. saret Quddiesa Kantata mill-Komunità tal-Patrijiet Karmelitani. Fit-8.30 a.m. saret Quddiesa oħra għall-membri rġiel ta' l-Azzjoni Kattolika u tal-Museum.

Fis-6.30 p.m. sar Għasar Solenni mill-Komunità tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, fejn wara saret priedka mir-Rev. Patri Stefano Magro O.F.M. Con. u nagħtat il-Barka Sagramentali.

It-Tnejn, 6 ta' Mejju: fis-7.30 a.m. saret Quddiesa Kantata mill-Komunità tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Fit-8.30 a.m. saret Quddiesa oħra għas-Sorijiet u għat-tfal ta' l-iskejjel tagħhom.

Fis-6.30 p.m. sar Għasar Solenni mill-Komunità tal-Patrijiet Agostinjani, fejn wara saret priedka mir-Rev. Patri Consiglio Mallia O.E.S.A. u nagħtat il-Barka Sagramentali.

It-Tlieta, 7 ta' Mejju: fis-7.30 a.m. saret Quddiesa Kantata mill-Komunità tal-Patrijiet Agostinjani. Fit-8.30 a.m. saret Quddiesa oħra għall-membri nisa ta' l-Azzjoni Kattolika u tal-Museum.

Fis-6.30 p.m. sar Għasar Solenni mill-Komunità tal-Patrijiet Dumnikani, fejn wara saret priedka mir-Rev. Patri Lett. Ludovico Boffa O.P., Predikatur Ġenerali u nagħtat il-BarkaSagramentali

L-Erbgħa, 8 ta' Mejju: fis-7.30 a.m. saret Quddiesa Kantata mill-Komunità tal-Patrijiet Dumnikani. Fit-8.30 a.m. saret Quddiesa oħra għall-istaff u għall-istudenti tal-Mater Admirabilis College. Fil-11.30 a.m. saret Quddiesa bil-priedka u s-supplika tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei.

Fis-6.30 p.m. sar Għasar Solenni mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, fejn wara saret priedka mir-Rev. Kan. Carmelo Cefai u nagħtat il-Barka Sagramentali.

Fit-8.30 p.m. sar marċ mill-Banda Konti Ruġġieru minn ma' ġemb il-Knisja tal-Patrijiet Agostinjani sa quddiem il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Fejn wara kien sar Programm Mużikali mill-istes Banda fuq il-palk prinċipali





*Il-Banda L'Isle Adam u l-Banda Konti Ruggieru*

quddiem il-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Minuri

Il-Ħamis, 9 ta' Mejju: fis-7.30 a.m.saret Quddiesa Kantata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat. Fit-8.30 a.m. saret Quddiesa oħra għall-istudenti bniet ta' l-iskejjel tal-Gvern.

Fis-6.30 p.m. sar Għasar Pontifikali mill-Eccza. Tiegħu Revma.. Mons. Emanuel Galea D.D., B.Lit., J.C.D., (GREG). Isqof Titulari ta' Tralles u Vigarju Ġenerali, li kien assistit mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat u wara ngħatat il-Barka Sagramentali.

Fit-8.30 p.m. sar marċ mill-Banda St. Joseph ta' Hal-Għaxaq mat-toroq ta' madwar is-Santwarju.

Il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju: fis-7.30 a.m. saret Quddiesa Pontifikali mill-Ecc. Tiegħu Mons. Emanuel Galea. Fit-8.30 a.m. saret Quddiesa oħra għall-istudenti subien ta' l-iskejjel tal-Gvern.

Fis-6.30 p.m. sar Għasar Pontifikali mill-Eccza. Tiegħu Revma. Mons. Giuseppe Pace D.D., J.C.D., G.C.M.O. Pre;. Dom., Isqof ta' Għawdex, li kien assistit mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat u wara nagħtat il-Barka Sagramentali.

Fit-8.30 p.m. sar marċ mill-Banda L'Isle Adam minn ma' ġemb il-Knisja tal-Patrijiet Agostinjani sa quddiem il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Fejn wara kien sar Programm Vokali u Strumentali mill-istess Banda fuq il-palk prinċipali.

Għal din l-okkażjoni tal-Festi ta' l-Inkurunazzjoni, il-Banda kienet daqqet għall-ewwel darba Innu ġdid "SAN ĠUŻEPP" fuq versi ta' l-Avukat George Zammit LL.D. B.A., mużika tas-Surmast Anton Muscat Azzopardi A.Mus: L.C.M. F'dan il-programm kienu ħadu sehem il-Kor tal-Ħamrun u s-Sopran Hilda Mallia Tabone.

Is-Sibt, 11 ta' Mejju: fis-7.30 a.m. saret Quddiesa Pontifikali mill-E.T. Revma. Mons. Isqof Giuseppe Pace. Fit-8.30 a.m. saret Quddiesa oħra għall-membri taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara u tal-Legion Of Mary.

Fin-12.30 p.m. sar marċ mill-Banda L'Isle Adam mat-toroq ta'madwar is-Santwarju.

Fil-5.00 p.m. sar Għasar Pontifikali mill-E.T. Revma. Mons. Arcisqof Mikiel Gonzi, li kien assistit mill-Kapitlu Metropolitan.

Fit-8.30 p.m. sar marċ mill-Banda Imperial tal-Mellieħa, minn ma' ġenb il-Kolleġġjata ta' San Pawl sa Pjazza L'Isle Adam. Fejn wara l-istess Banda għamlet Programm Mużikali fl-istess pjazza. Fl-istess ħin sar marċ ieħor mill-Banda Nicolo' Isuoard tal-Mosta minn ma' ġemb il-Knisja ta' San Franġisk sa ħdejn il-Knisja ta' Duna. Fejn wara din l-istess Banda għamlet Programm Mużikali quddiem l-istess knisja. Fil-waqt li l-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun għamlet marċ minn ma' ġemb il-Knisja tal-Patrijiet Agostinjani sa quddiem il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Fejn wara għamlet Programm Mużikali fuq il-palk prinċipali.

Fl-10.30 p.m. sar ħruq tan-nar ta' l-ajru u wara sar ħruq tal-logħob tan-nar ta' l-art ma' ġemb il-Villa Rumana, li dan kien ġie maħdum minn Ġanni Vella ta' l-Imġarr. Fl-aħħar inħarqet kaxxa nfernali tal-kulur.

Il-Ħadd, 12 ta' Mejju - Elgħuq il-Festi ta' l-Inkurunazzjoni: Fil-5.30 a.m. sar Matutin Solenni. Fid-8.45 a.m. sar Kant tat-Terza u fid-9.00 a.m. saret Quddiesa Pontifikali mill-E.T. Revma. Mons. Arcisqof Mikiel Gonzi. F'din il-

Quddiesa, Rev. . Patri Alfred Attard O.F.M. ħieseġ il-paneġirku lil San Ġużepp.

Fin-12.30 p.m. sar marċ brijus mill-Banda L'Isle Adam mat-toroq ta' madwar is-Santwarju.

Fl-4.00 p.m. sar marċ mill-Banda St. Paul ta' San Pawl il-Baħar, minn ma' ġemb il-Flats tal-Gvern sa Pjazza L'Isle Adam. Fejn wara l-istess Banda għamlet Programm Mużikali fl-istess pjazza.

Fl-istess ħin il-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, għamlet marċ minn ma' ġemb il-Villa Rumana sa quddiem il-Kolleġġjata ta' San Pawl. Wara l-istess Banda kienet għamlet Programm Mużikali fit-Triq il-Kbira.

Fl-4.30 . Għasar Solenni u wara ħarġet il-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp Inkurunat, li għaddiet minn Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam, Triq Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, id-Dawra tal-Mużew, Pjazza Saqqajja, Triq Nikola Sawra,Triq San Franġisk, Triq l-Isptar, Triq il-Kbira u Triq San Pawl. Kemm l-Għasar kif ukoll il-Purċissjoni kienu ġew immexxija mill-Wisq Rev. Patri Lett. Accursio Scerri O.F.M. P.E.P., Ministru Provinċjal. Fil-purċissjoni kienu ħadu sehem: l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat, il-Fratellanzi ta' San Ġużepp ta' Malta kollha, l-Komunitajiet Reliġjużi tar-Rabat u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat.

Fl-4.30 p.m. stess kien sar marċ mill-Banda La Vallette tal-Belt, minn ma' ġemb il-Każin tal-Banda Konti Ruġġieru sa quddiem il-Knisja ta' Duna. Fejn wara l-istess Banda għamlet Programm Mużikali quddiem l-istess knisja. Fl-istess ħin il-Banda King's Own tal-Belt, għamlet marċ minn ma' ġemb il-Knisja tal-Patrijiet Agostinjani sa quddiem il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Fejn wara l-istess Banda għamlet Programm Mużikali fuq il-palk prinċipali.

Fil-ħruġ u d-dħul tal-purċissjoni ġiet maħruqa kaxxa nfernali. Filwaqt li matul l-istess purċissjoni ġew sparati għadd ta' murtali tal-kulur. Il-murtali tal-kulur u l-kaxxex infernali kienu ġew maħduma mid-Dilettanti Rabtin Ġużżeppini.

Il-Mużika tat-Tridu u l-Kant tal-Quddies Kantat kien ġie esegwit taħt id-direzzjoni tas-Surmast Manuel Gatt, filwaqt li l-Mużika ta' l-Għosrin tal-11 u tat-12 ta' Mejju, kienu taħt id-direzzjoni tas-Surmast Frankie Diacono.



*Il-kuruni tad-deheb li bihom ġiet inkurunata l-istatwa ta' San Ġużepp u l-Bambin.*